# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

*Giebha żeẃġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ*

**87.** **30 ta' APRIL 1910.** **IT-TIENI SENA**

FTEHIM.

Ħadd ma jista jissieħeb għal anqas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallanqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ẃara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeẃ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eẃẃel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.


# X'Nagħmlu???

Cullħadd jaf li fl-Egittu l-Egizzjani kiegħdin jitħabtu ħafna biex jakilgħu Costituzzjoni minn taħt idejn l-Ingliżi biex jaħcmu irẃieħhom biha. Da'l ġranet billi Roosevelt, li chien President ta'l Istati Uniti, kal xi ħaġa fuk din l-affari, l-Egizzjani xegħlu u sar ħafna għajdud.

Jiena għalhecc sejjer ingib m'il THE EGYPTIAN MORNING NEWS dana l-articolu għaliex fih ħẃejjeġ li jgħoddu ħafna għalina billi fostna haẃn ħafna *mutton-heads* u *pin-heads* bħal ma hemm fl-Egittu :—

## THE AFTERMATH

A fairly well educated Egyptian came to us and said: « Sheik Aly Yusef has read your harsh words about the Egyptians, he says that you understand the Egyptian character, but he wants to know why you did not answer the remarks of Mr. Roosevelt at which he took offense? » About an hour later, a highly educated Egyptian came to us and said: « Last night at the Opera a friend of mine said: « How is that this man Roosevelt says that we have no character and that we can never be given a Constitution? »

This second Egyptian told us that he had not heard Mr. Roosvelt's speech, but that he did not believe that Mr. Roosevelt, the ex-President of a country who lived by a Constitution, could have said such things, so he had just read the speech carefully to see exactly what had been said. Here we think it wise to repeat what was said by Mr. Roosevelt:—

There are foolish empyricists who believe that the granting of a paper constitution, especially prefaced by some high sounding declaration, of itself, confers the power of self-government upon a people. This is never so. Nobody can « give » a people « self-government » any more than it is possible to « give « an individual « self-help. » You know that the Arab proverb runs « God help those who help themselves. » In the long run, the only permanent way that an individual can be helped is to help him to help himself, and this is one of the things your University should inculcate.

Then this second Egyptian said: « There is nothing so very bad about that. Mr. Roosvelt is correct when he says that we are not ready for a Constitution, and that unless a nation has a good ruler no Constitution will help them to carry out self-government. The Turks under Abdul Hamid had a Constitution, but it did them no good. The trouble with Mr. Roosevelt was that he said things which were misunderstood. He should have been more careful. »

After that the first Egyptian who was also present, said: « Mr. Roosevelt spoke as though he had been in our country twenty or thirty years, instead of two days in Cairo. But do you think that the English will some day give us a Constitution? »

« Yes, » we replied « some day the English will give you Parliamentary government, but not until they are convinced that you are ready for it. You do not understand the English character. You are a people who are easily led, if only your feelings are not wounded. But listen, the English are a unique people, they will lead themselves and do what is right if you give them time and behave yourselves; however, remember this, not all the powers in the world can drive the English. Point out the way to them, and they may gladly go along that way if they deem it advisable. But attempt to coerce them, or attempt to frighten or threaten them, and the English remain as fixed as granite. Therefore, go, tell your friends to counsel patience, and to see to it that no

other Wardani is allowed to upset the progress of his country. One more revolver shot, and mark our words, the English will not give you Constitutional Government for generations· But if you behave, and have the moral courage that comes from patience, not all the Englishmen in England can prevent the intention of their government to give you self-government. »

It might be well for us to end here; it would gratify many not to hear the rest. But if we ended there, the Egyptians would not trust us, they would say over the sentence: « Moreover, the Sheik thinks that Colonel Roosevelt has done some harm to the Americans themselves, for the Egyptians are bound to consider that the principles of liberty and justice for which the Americans have always been accredited do not go beyond their own self interest. » We would remind the Sheik that there exists across the waters another principle which tells one not to judge of others by one's self.

Sheik Aly Yusef had the courage to reprint in full our article entitled « Roosevelt at the Pyramids, » in his journal. If the Sheik will read over the opening words of that article, he will see that we warned the public not to regard Mr. Roosevelt as an inspired personage, and not to overestimate his influence on the local situation. We said that in his own country he always left an apprehensive impression. This warning was perhaps not read by the unofficial diplomats who had charge of Mr. Roosevelt: at all events, our warning was unheeded. And the moment after we had finished reading the report of his speech, we sat back at our ease to watch the sparks fly. We knew so well the pyrotechnics which form the aftermath of a visit and a speech from Theodore Roosevelt; and we knew that if he was to let off his fireworks, the result would only do harm in Egypt. But the unofficial diplomats knew better. Who were the Wilfrid Blunts who whispered in his ready ear? They carefully primed and crammed him, and turned him loose upon the platform. We of America have learned from experience how to hundle this man, and we know what value to place upon his words. We know his methods of imbibing condensed information. Herbert Spencer could do that, but the mind of Theodore Roosevelt thinks aloud, before he has assimilated his condensed information. And now what has been the result in Egypt?

We are about to use two terms, but they must not be mistaken for slang. These terms are «mutton-heads» and « pin-heads. » One set of the inhabitants are highly pleased with his words; these we will call the mutton-heads. Another set of the inhabitants are highly incensed, angry almost to absurdity. This second set are made up of the pin-heads. These two large classes, the mutton-heads and the pin-heads, compose 96 o/o of the population of Egypt. A «mutton-head» is a man who knows it all, he can not profit from experience he judges any situation simply by what affords him personally pleasure or displeasure, he knows that he is actuated by self-interest but pretends to be a philantropist; and so he can never see beyond the limits of his own sheep's skull. A «pin-head» is a man with slight, superficial education; and his little knowledge gives him a thin veneer of brightness to his pin-head, until in a short time he comes to think that he is a a person of rare insight. He sees his pin-head shining after it has been rubbed with education, and he says: « I will tell my countrymen the truth; I shall prove that we are ready for mighty deeds; watch me pierce a balloon. » He forgets that however much you poolish a pin-head, it still remains a pin-head.

The remaining four per cent, of the population are sorry that Mr. Roosevelt did not confine himself to his customary discovery of The Ten Commandment. That has been Mr. Roosevelt's delusion for six years; he regards himself as the original discoverer of The Ten Commandments. Look at these words of his delivered at the Egyptian University: « I preach this to you here by the banks of the Nile, and it is the identical doctrine I preach no less earnestly by the banks of the Hudson, the Mississippi and the Columbia. » Well, what was the grand information? That a man ought to do honest work. He is right about himself; he is purely a political preacher, that is reformer, an honest man, and above all a MAN, but not a statesman.

We have written these words because we read that the pin-heads are trying to make Prince Fuad resign from the Egyptian University. In the name of commonsense, let there be an end to this tragic opera bouffe over Roosevelt. We have seen and heard it so often. And now for old grandmother Egypt to get excited is too much. It is too dull.

D. W. K.

# FRAC.

F'il *Gazzetta di Malta* da'l ġranet, faħħru ħafna il Cumpannija ADRIA għal gid cbir li kiegħda tagħmel f 'il pajjis. Barra milli takdina b'is-servizz ta'l Posta b'mod li joħroġ bih cuntent cullħadd, kanklet ħafna cummerċ, il vjaġġi ta'l passiġgieri u ta'l Baned b'it-tariffi baxxi li titlob. B'id-depositu ta'l faħam li għamlet kiegħda m'hux biss tiġbed il vapuri f'Malta iżda ucoll tgħajjex ħafna nies ta'l faħam maltin, is-sena l-oħra biss kallgħithom ma't-tliet elef lira. M'id-drittijiet ta'l Port u ta'l chiri ta'l mol ta'l Marsa l-ADRIA tkalla lill Gvern tagħna ma'l elf lira f 'is-sena. Għal dana il ġid collu għalhecc ħakkha it-tifħir ta' cullħadd.

★

Meta, ftit ilu, giet f 'il Cunsill ir-risoluzzjoni ta'l Onor: Contin Caruana-Gatto biex l-imgħallkin ma jidfnuħomx malajr ħalli jcunu sguri li mietu il Gvern chif cullħadd jista jaħseb iżda bla ma ħadd jista jifhem għala ħlief biss biex ijsostni il fehmiet imkar zopop ta' xi impjegati gŭappi tiegħu, ŭakkagħha billi il membri uffiċjali ivvotaŭ collha contra tagħha. Ma daŭn ivvota ucoll l-Onor: Said m'hux biss iżda bena hu il pedament biex il membri uffiċjali fuk l-argomenti li gieb taŭ il vot cuntrarju; u b'hecc, bħal ma kal b'ir-raġun cullħadd, it-Tabib Said biex gibed in-nar lejn xaŭŭattu billi chien ŭieħed milli iffirmaŭ iċ-certificat famus ta'l famusa meŭt ta' Xcora mar contra il veru interess ta'l poplu u contra il fehma ta' sħabu. Jiena jidhirli li f 'biċċa bħal din chellu jastieni ruħu u m'hux ijservi ta' pedament lill Gvern u jmur contra il gid ta'l poplu u il fehma ta' sħabu.

★

M'ir-«*Risorgimento*» nu: 7867, nieħdu :— « Un'altra Commissione verrà a Malta per studiare la vera *causa causarum* della Mediterranea e questo è un altro trionfo pel *Risorgimento* e non meno strepitoso di quello e singolare ottenuto nel famoso per libello famosissimo Processo Celebre. Fu infatti primo

di ogni altro e anche assai prima della critica dei famosi esperimenti della Commissione da parte del Dr: Levick Murray R. N. che il *Risorgimento* si occupò della teoria, appena nata del latte di capra e l'avea stritolata. In una *lecture* che noi svolgemmo dinnanzi ad una società scientifica noi dicemmo come era nata la prima idea della teoria del latte di capra come pretesa causa della Mediterranea, e noi fra poco publicheremo quella *lecture* in inglese. E non fa uopo meravigliarsi se il *Risorgimento*, che guasta così bene le uova nel paniere alle celebrità e alle pseudo,—è amato dal Governo come il pepe di cajenna agli occhi. Un giorno in Consiglio il Dr: Caruana X. domandò *Are we doing our duty?* Il Dr: Mercieca rispose: *The courts said no!* qualcheduno riferendosi al Governo in generale non potrebbe esclamare il *nesciunt quid faciunt.* Perchè si fe' tanto spreco di teorie prima di aver trovato la *causa causarum?* » U naħseb li għandu raġun biex ijbigħ għaliex kabel jekirdu tant mogħoż u jagħmlu tant ħsara fi-industrija ta'l ħalib chien ijmisshom jaraŭ seŭŭa il mard mnejn hu gejj.

★

M'il « Egyptian Morning News » nieħdu :—

## In the Concert Room.

« We are pleased to report the success which Professor Zahra obtained in his concert given at the Harmonia Club on the 10 inst. Very much appreciated were Bazzini, Koutsky and Vieuxtemps items in which Prof: Zahra showed great tecnical ability on the violin. He was very much applauded on playing his compositions on the mandoline. Prof: Żahra was assisted by the well known pianist Mme Hyzler who played with perfect interpretation Chopin, Liszt, Brahms and Moszkowsky and received prolonged applause. Prof: Zahra presented her a fine bouquet of flowers with national colours.

The Quatuor played with artistic insight Beethoven's Prometeus and Mozart's Titus. » Il Maltin cull fejn ijmorru joħorġu dejjem bl-unur.

★

Nirringrazzja b'kalbi collha l'is- « SOCIETA' STORICA-SCIENTIFICA MALTESE » ta'l bullettin li bagħtitli imsejjaħ « *Archivium Melitense*» u li fih m'hux biss hemm x'sar f'il-lakgħat ta' dina ix-xirka iżda tliet articoli sbiħ ħafna ucoll li inkraŭ f'is-Soċjetà. L-eŭŭel ŭieħed hu ta'l Prof: Napuljun Tagliaferro I. S. O. li hu ucoll il President ta' dina is-Soċjetà u li fih chiteb fuk il ħtieġa ta'l istudju ta'l-lingŭa maltija biex incunu nafu aħjar l-istorja tagħna; u ma hemmx bżonn li infaħħru dana l-articolu għaliex cullħadd jaf li is-Sur Tagliaferro ilu għomru collu jistudja bi ħrara cbira l-ilsien tagħna u għalhecc jaf x'ijgħid fuku seŭŭa. Chien hemm articolu interessanti ħafna ucoll fuk il passa ta'l għasafar b'munkarhom imsallab *(Loxia Curvirostra)* li għaddiet ftit ilu, billi huma għasafar li ma tantx jidhru spiss f'Malta u hecc b'il cotra. Dana l-articolu chitbu l-imfaħħar naturalista tagħna l-Onor: Avucat u Contin Alfredo Caruana-Gatto li tant kiegħed jaħdem biex ijgib il kuddiem l-istudju ta'l Istorja Naturali tagħna. L-articolu bl-ingliż ta'l Avucat Bartolo fuk l-Assedju ta' Malta hu sabiħ ucoll u fih xi notizzji interessanti. Għoġbitni ħafna il critica li għamel fuk il ctieb li ħareġ Hardman fuk il Blocc ta'l Franciżi u li fiha ŭera li dana is-sinjur biex jieħu raġun u jgħid li l-Ingliżi *icconquistaŭ* Malta nakkas xi ħŭejjeġ importanti m'il manoscritti li stampa.

Nitma li dina is-Soċjetà tibka għaddejja b'ir-riħ f'il kala il kuddiem għaliex tcun ta' gid cbir għal pajjisna billi dac il poplu li ma jafx tajjeb l-istorja ta' pajjisu ma jistax jimxi il kuddiem u jibka dejjem mirfus.

Il ctieb numru 98 ta'l «Mogħdija ta'ż-Żmien»—FIEX TKATTA SIEGHA hu sabiħ tasseŭ u hu mictub minn Dun Xand Cortis li għal dana ix-xogħol jinkala ħafna. Fih ħafna ħrejjef u ċajt ta' min jakrahom għaliex f'il ħin li huma onesti jkattgħulec siegħa żmien tasseŭ passatemp. Nitma li il karrejja tagħna collha jaħtftuh.

★

Nitolbu b'il kalb għ'r-ruħ **Ġanni Busuttil**, missier il maħbub minn cull min jafu Dun Salv ta' Raħal Ġdid, li ħalla dana il ŭied ta' dmugħ ftit ġranet ilu.

★

Għarrfuni li il Cuncert li sejjer ijsir f'il Casin ta'l Banda S. Giorgio ta' Bormla għada sejjer ijcun xi ħaġa sabiħa tasseŭ billi fih barra m'is-Soċjetà Mandolinistica « Silvestri » sejjrin jieħdu sehem ħafna xebbiet li jafu jdokku u jcantaŭ tasseŭ. Is-Sur S. Vella sejjer jagħmel taħdita fuk il *Filantropia Cristiana.* Billi dana il cuncert sejjer ijsir għal carità nitma li il post ijcun mimli bħal bajda.

★

Fli *Scholar's Own* rajt ritratt sabiħ ta'l *Malta Young Naturalists' League* u fl-articolu li hemm fuku jfaħħar fost l-oħrajn l'is-Sur Ercole Valenzia ta' Bormla billi kal :— *he is one of the most energetic members of the League* u li *to whom the credit of forming this branch is due.* Bravi, *avanti sempre!*

★

Da'l ġranet kattajt żeŭġ nofs ta' nhari il campanja u għalhecc stajt nersak lejn bosta nies ta'r-raba biex nitchellem ftit magħhom. Collha jgħemgmu b'leħen ŭieħed fuk il għacs cbir li jinsabu fih. Ħafna minnhom għemgmu ħafna fuk it-taħsir ta'l patata u għalhecc jidhirli li is-Soċjetà ta'l Agricoltura kiegħda tagħmel ħaġa seŭŭa ħafna billi tibgħat membri minn tagħha biex ijgħallmu lil bdieŭa chif jieħdu ħsieb l-egħlejjel biex ma jimirdulhomx jeŭ jecc jimirdulhom ijcunu jafu chif jiccuraŭhom. Il bidŭi tagħna għadu l-ura ŭisk u għadu jaħdem ir-raba chif chien jaħdmu Adam, u billi ma jakrax jecc ma jgħallmuhx b'il fomm jibka fejn hu. Għala ma jgħallmuhx chif ijsaħħaħ ir-raba b'in-*Nitro-Bacterina* biex jara chemm jieħu actar bi tbatija u nefka ankas?

Oħrajn għemgmu li dac li jatihom ir-raba il pitcali jieħduhulhom bi ftit flus u b'hecc f'il ħin li jħaxxnu bŭiethom daŭna l-imsejcna bdieŭa ma jibkgħilhomx biex jitrejjku ma tulec ja sena b'lokma maħlut jebsa. Il Gvern hemm bżonn li jilka m'il eŭŭel għal daŭna it-*trusts* li kiegħdin jinbtu f'il pajjis.

Oħrajn ijgħemgmu ħafna m'il caċċaturi li billi jekirdu chemm għasafar jakgħu taħt għajnejhom kiegħdin jekirdu ucoll il daŭc il għasafar li jieclu id-dud li jekred l-ucuħ. Hemm bżonn li is-sensja ta'l caċċa ma jtuhiex gozz gozz basta jdaħħlu is-sensja u hemm bżonn li il Gvern meta jatihom dina is-sensja jatihom magħha carta stampata bl-ismijiet ta'l għasafar li jistgħu joktlu biex b'hecc ma jekirdux l-agħsafar li jagħmlu gid f'ir-raba; u billi jagħmel multa għal cull għasfur li joktlu minn daŭna li semmejna. Nitma ucoll li ix-Xirka ta'l Agricoltura li għandna tistudja tajjeb daŭna il qŭestjonijiet tant ta' ħtieġa għal pajjis u li ŭara li issib ir-rimedju tressakhom kuddiem il Cunsill ħalli natu dakka t'id lill biedja tagħna li hi il pedament ta' cull risk f'il pajjis.

# Ghomja Famusi.

(*Jissoctaŭ minn numru ta' kabel.*)

### Ghomja Pollacchi

Hajjin hemm daŭn li sejjer insemmi:

**Krasnosielski**, professur ta'l filologija; **Bukowiecki**, ġurnalista; **Biron**, tabib; **Biesiadowski Michatowicz, Romuald Skorupski u Krausztofer**, compposituri ta'l musica. Skorupski hu chittieb tajjeb ucoll (*Kaklete Jezioro*) u direttur ta'l Banda ta'l Istitut li semmejna kabel fejn trabba u tghallem. Krausztofer ijgħallem il pjanuforti f'dana l-Istitut ucoll.

**Wtadystam Piasecki** jgħallem fl-Istitut li ġa semmejna il vjolin u il pjanuforti li jaf ijdokkhom tajjeb ŭisk; **Boleslaw Mataszewski** hu compostur iehor m'it-tajjbin u jdokk m'il aħjar il pjanuforti u **Yulyan Wieniawski** hu letterat m'il imfaħħra li jinsabu ġo Varsavja.

### A. C. Mandaras

ingliż, għema ma ilhux. Dana stagħna b'is-sħiħ billi chien jiccoltiva it-tabacc, u għandu żiemel li jismu id-*Duca ta' Sparta* li ta' sicŭit jieħu l-eŭŭel u fosthom rebaħ il-Lincoln Handicap.

### Il Barunissa Von Kranichfeld

ingliża, li kabel ma iżżeŭŭġet chien jisimha Miriam Gardner għemiet meta chellha xi ħamsin sena f'il ħin li chienet kiegħda ticteb poeżija billi għal dana chienet tinkala ŭisk. Dina mietet ma ilhiex f Bucarest u chienet ħabiba ŭisk ma'r-Regina Elisabetta ta'r-Rumanja li taħt l-isem ta' *Carmen Sylva* chitbet ħafna ħŭejjeġ sbiħ ucoll. Meta għemiet ma katgħetx kalbha, tgħallmet l-alfabett ta'l għomi u it-*typewriter* u chienet sa tħit ħŭejjiġha u timmonta il cpiepel bi grazzja li ma bħala, bla ma chien ijgħinha ħadd.

### Dr: F. J. Campbell

hu id-Direttur ta'l Istitut ta'l Għomja «*Royal Normal College for the Blind*» li hemm f'Norwood, fl-Inghilterra. Dana tilef id-daŭl meta chellu erba snin biss, billi daħlet xeŭca f'għajnu u it-tabib iccurah ħażin. Meta ġratlu dina id-disgrazzja hecc cbira bdeŭ ijgħallmuh il musica li irnexxa fiha ŭisk. Ir-*Royal Normal College* ħalku hu stess biex ijgħallem fih il musica lill għomja bħalu; u b'hecc m'hux biss ijgegħilhom f'il ħajja jakilgħu bicċa ħobż seŭŭa iżda jderrilhom ucoll il ħajja mudlama u imnicċta tagħhom. Dana m'hux biss jakdef, jircheb, u joħroġ b'il *bicycle* iżda jitla fuk l-ogħla muntanji. Darba x'ħin iltaka miegħu il għaref Professur Tindall, fl-Isvizzera, fuk il muntanji, kallu collu mistagħgeb:— «Isma inti għama tasseŭ jeŭ kiegħed ticċajta?»

### Mendel

il famus pjanista li tant kala applaŭsi f'it-teatri ta' Londra u ta'l bliet l-oħra ta'l Inghilterra tgħallem f'in-Normal College li semmejna u tant irnexxa li ħa premju (*scholarship*) ta' erbgħin lira f'is-sena. Dana jaf m'il inkas elf bicċa bl-amment u fosthom musica ta'l akŭa aŭturi antichi u moderni, u barra minn dan jiccomponi hu ucoll ħafna musica sabiħa li jdokkha bi ħleŭŭa li issaħħrec. Il għomja f'il musica jirnexxu ŭisk.

### W. Wolstenholme

hu famus għa'd-dakk ta'l orgni tiegħu, u għad li tŭieled għama ħa il grad ta'l musica tiegħu ta' età ŭisk iżgħar milli katt ħaduh kabel danc li chienu jaran stess.

(*Jissoctaŭ*).

# Il Chittieba b'il Malti.

## G. A. VASSALLO.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Haŭn ta ruħu biex jaħdem t'avucat u in-nies billi chien jinkala chienet tridu ħafna; iżda hu chien tŭieled poeta u chien ijsofri bla tarf meta chien ijsib ruħu jgħum sa imnifsejh f'il-kerk, f'it-taħŭid u f'il kżież ta'l Korti u taħt il mibegħda ta' sħabu li malli raŭh jarfa il għalla bdeŭ jatuh fuk rasu chemm jifilħu biex ma jaħtfilhomx xi lokma minn ħobżhom. Dana il baħar ta' imrar għadu kalil ħafna sa'l-lum u jibka sa chemm il bniedem ma jibkax bħal ma kal il filosofu Hobbes: *homo, homini lupus* (il bniedem hu il-lupu ta'l bniedem). Il Vassallo għad li bħal ma kal f'il Prolusjoni tilef ħafna *materiali vantaggi* u *non calcolando i proficienti lucri della sua carriera professionale* telak il Korti u ta ruħu għall-letteratura taljana. Ma' dana l-istudju żied ucoll dac ta'l Istorja ta' Malta billi lejn pajjisu chellu dejjem imħabba bla tarf.

Fl-1844 mar Lixandra; iżda għad li chien kiegħed tajjeb seŭŭed kalbu u ried jarġa jigi f'pajjisu, u hecc għamel. Telak minn hemm fl-eŭŭel ta' settembru ta'l 1845 u chif chien f'il port chiteb l-*addio* f'sonett sabiħ li jispicċa:—

« *Ma ove Croce non è, non è Progresso.*»

u sgur ftacar f'dac li canta Pindemonte:—

« *Oh felice chi mai non pose il piede*
« *Fuor della terra nel cui grembo nacque.* »

Ŭara ħames snin li chien ilu Malta laħak surmast ta't-Taljan f'il Liceo, ŭara il għaref Prof: Dr: Carlu Di Cristoforo, *nome per fama di lettere conosciuto non solo fra noi, ma in tutta quasi la penisola italiana (Cesareo);* lakxa żgħira ħafna għal dac li chien jisŭa u li chien ħakku, iżda dejjem u cullimchien bħal ma kal tajjeb ħafna Carlo Bini il bniedmin *hanno crocifisso il Genio, invece d'incoronarlo.* Bħala surmast għoġob il cullħadd u minn taħt idejh ħarġu ħafna żgħażagħ ta' ħila; u għalhecc meta miet Dun Michiel Pullicino, li chien Professur ta'l Letteratura Taljana fl-Università, il għażla ma setgħetx taka ħliet fuku u għalhecc gie maħtur għal dac il post f'it-28 ta' Dicembru 1863. Iżda ma damx ijgaŭdi dac il post għaliex bl-istudju li żied biex jakdi dmiru aħjar tilef rasu u chellhom ijŭakkfuh. Il Prof: Nicol Zammit biex ijderrilu gegħlu jilħol miegħu f'il gazzetta *L-Arte* li chienet ŭaħda m'il aħjar li katt dehru f'Malta, u irnexxielu billi il Prof: Vassallo inxteħet fukha b'ir-ruħ u il gisem. Ta ruħu għal l-istudju ta'l poeti satirici latini u taljani: Orazju, Gjovenali, Persju, Ariosto, Menzini, Rosa, Parini u Giusti u chiteb xi poeżiji statirici m'hux ħżiena. F'd'il ħabta tah ucoll li jicteb b'il malti billi chif kal:— *nulla il nostro popolo da leggere avea del sacro in fuori, nel proprio linguaggio. Nulla o nulla almeno di commendevole;* u bħal ma Carlu Porta, Tommasu Grossi, Goldoni, l-Abbati Meli u tant oħrajn ma sħaŭx jictbu b'ilsien il poplu iżda refgħuh il fuk ħafna hecc ucoll il Vassallo rafa l-ilsien malti għad li ftit studjah u ftit chien jafu tajjeb billi chien jidhirlu li min jistudjah bħala lingŭa u m'hux bħala mezz chien ijcun jonkos m'il imħabba lejn pajjisu. Ic-Ċajt u il Hrejjef tiegħu dehru fl-1861 u magħhom chien hemm stampati xi poeżiji ta'l chittieb malti Nibbali Preca li fuku nitma li għad nitħaddet f'it-tul il kuddiem. F'il bidu ta't-tieni ctieb ta'l Hrejjef u Ċajt ijgħid li hu chien *inimico d'ogni fare accademico, opposto al coltivare filologicamente la lingua nostra* u haŭn naħseb li chellu tort biex ijbiegħ u żelak actar f'in-niexef meta kal:— *Sarebbe un vero*

*barbarizzare sostanzialmente la lingua maltese ove mai alla sua purezza richiamar si volesse; puossi aggiungere anzi, che qualunque attentato di coltivare filologicamente questa lingua ed a qualche purezza richiamarla sarebbe un attentato contro la civiltà del paese*, għaliex illum il malti nictbuh safi b'iż-żejjed u ħafna corrett bla ma mexxejna l-ura il pajjis iżda billi bih kiegħdin nitgħu f'moħħ il poplu ħafna daŭl għaliex saħansitra bdejna infissru ix-xjenza u ħŭejjeġ difficli ħafna bla ma ŭkajna f'il barbarismu li kal hu. Iżda il Prof: Vassallo għad li chiteb b'il malti u hu ta' min ijfaħħru ħafna għaliex chien minn ta'l eŭŭel, l-ilsien malti bħala lingŭa chienx jogħdos fih f'il fond u għalhecc kal dac li kal.

Ŭaħda m'il ħŭejjeġ sbiħ li chiteb b'il malti chien il GIFEN TORC, cant epicu ta' sebgħa u tlietin sestina u li cbitbu fi Frar ta'l 1842. Dana l-eŭŭel chien krah f'il-Lakgħa ta's-« Società Filologica » ta'l 15 ta' Frar ta'l 1844 u ŭara l-Ab: P. P. Pullicino, Direttur ta'l Ischejjel ta'l Gvern, stampahulu minn fius il Gvern stess għal l-Ischejjel f'Mejju ta'l 1853. Raġa gie stampat f'Ġunju ta'l 1855 u ma ilhux raġa deher ucoll, jecc ma nisbaljax, f'il *Mogħdija ta'ż-Żmien* ta's-Sur Fons Galea.

Fl-1858 dehret il ĦAJJA TA' S. PAŬL tiegħu u fl-1861 GESÙ CRISTU F'ID-DINJA. Sena ŭara ħarget l-ISTORJA TA' MALTA MICTUBA GĦAL POPLU MALTI, ctieb ta' 367 faċċata, barra m'il ĦREJJEF U ĊAJT li ġa semmejna. Barra minn daŭn imxerrda insibu bosta poeżiji sbiħ fuk Malta u li tnejn minnhom ġa dehru f'in-« Naħla. »

Jiena bi ħsiebi indur b'il mod il mod il poeżiji tiegħu collha b'il malti u nagħżel l-aħjar ftit fosthom biex ingibhom f'dina il gazzetta li bħala naħla għandha tarda il għasel ta'l aħjar chittieba tagħna biex isseŭŭbu lilcom. B'hecc daŭc il ħafna xogħlijiet sbiħ jergħgħu jitfarfru m'il għabra u f'in-«Naħla» jcollna miġbura *antologija* (għakda) ta'l aħjar poeżiji b'il malti. M'hux aħjar il kadim u tajjeb m'il ġdid li ma fihx benna ?

(*Jissoctaŭ*).

# Għa'n - Nisa.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Fl-articoli ta' kabel fehimtcom liema għandhom ijcunu il pedamenti biex tistgħu fukhom tibnu żŭieġ ħieni u ta' min ijbiercu, illum sejjra infehimcom fuk xi ftit ftietak oħra li jecc tcunu tafuhom kabel tiżżeŭŭġu jcun ta' gid cbir għalicom għaliex il għażla tcunu tistgħu tagħmluha aħjar.

Katt taħseb li ir-ragel jibka mitluf ŭarajc bħal meta tcunu tinnamraŭ. Le. F'id-dinja cull ħaġa li tixtiekha tintilef għaliha; malli issir tiegħec, imkar tajjba u sabiħa chemm tcun, tibred jecc ma tixbax għal collox minnha. *Desiderium excitat appetitum* u *Ab assuetis non fit passio* huma żeuġ proverbji latini li juru li il bniedmin dejjem ħasbu u hasseŭ bħal-lum. Mantegazza jgħid :— « *L'uomo innamorato è d'oro, finchè non gli hanno detto di sì; diventa d'argento quando gli hanno detto di sì; diventa di rame quando da pretendente è divenuto marito* » u band'oħra kal ucoll :— « *L'adorazione ne' casi migliori, cioè quando tu sposi un gentiluomo, diventa amore, poi amicizia, poi un abitudine monotona che si infiora con qualche cortesia quotidiana.* » Tista cull tant tirnexxi xi dubbiena bajda li jcun ta'd-deheb kabel u jibka ta'd-deheb ŭara iż-żŭieġ ucoll iżda, għad li għandec tagħmel chemm tista biex issib ragel minn daŭn, la issaħħanx rasec b'dac li tifhem int f'dac iż-żmien ta' telfa u ħejji ruħec għal ħażin biex it-tajjeb ma jonksocx. Ibża dejjem minn daŭc li minn mindu jcunu għadhom namrati jeŭ għarajjes ijcunu ta'r-ram għaliex għalchemm cull tant jixbħu ħafna id-deheb billi jcunu indurati iżda daŭna deheb ma jsiru katt sgur.

Biex tagħraf jecc ir-ragel li tħobb hux ta'd-deheb jeŭ ta'r-ram indurat taŭŭal l-għerusija u studjah dejjem bla ma tħallih jintebaħ. Jecc ijcun ta'd-deheb jibka jlekk dejjem, jecc ijcun ta'r-ram ma'ż-żmien jisŭied jeŭ jinbarax u jiffaċċa ir-ram. Iż-żmien hu l-acbar ħabib u jecc dac li tħobb ijcun kiegħed juri ħaġa b'oħra fl-aħħar f'mument, ta' nervi, jeŭ billi tistadu juric x'għandu misrur f'kalbu. Misslu dejjem l-amor propriu tiegħu għaliex dac hu it-tast debboli ta'l irgiel collha bħal ma ta'n-nisa hu il fruħa, biex tara jecc dana hux akŭa m'il imħabba lejc; jecc meta jarac bierda u tilkgħu bl-indifferenza jŭaġġa u jitlak, ħallih ijmur għaliex ijħobb lilu in-nifsu actar minnec; jecc jingibed actar lejc, għożżu u ibża għalih, għax ħaġa rari ħafna. Dana actarx jirnexxi ŭieħed minn daŭc l-irgiel li semma Monsieur La Palisse meta kal :— « *I mariti buoni sono quelli che fanno felici le loro mogli facendo felici se stessi.* »

KATT tiżżeŭŭeġ ragel tirann, igifieri li jrid jiccmanda dejjem hu u collox hu, li ma jridecx tmur hemm, u tilbes hecc u tcħellem il dic, bla ma jcun hemm raġun. Cun af li allavolja jcun ijħobboc daks il mimmi ta' għajnejh ijcun dejjem ijrid ijcun is-serduk hu f'id-dar u mischin hu min jissogra jsamma leħnu imkar biex jati parir jeŭ biex ijnebbħu li hu bniedem u li jista jisbalja.

« *Si nasce tiranni, come si nasce biondi o bruni; e chi ha questa sventura deve esercitare la tirannide, in qualunque stato sociale egli nasce; qualunque sia l'educazione ch'egli riceve.* (MANTEGAZZA).

Ma' ragel bħal dan jeŭ trid tmejjel rasec għal cull ma jgħid hu u jagħmel hu u ma tistax tgħix ħienja, jeŭ tokogħdu titleŭŭmu lejl u nhar imgħargħrin fl-inqŭiet u ix-xenati u b'hecc toħolku l-infern f'il ħajja.

Ir-ragel u il mara la għandhom bejniethom jiccmandaŭ u lankas jobdu—għandhom jiftiehmu bħal żeŭġ klub f'ŭaħda u bħal ma f'is-sengħa ta'r-ragel għandu jmixxi hu hecc ucoll f'il qŭestjonijiet żgħar ta't-tfal u ta'l familja għandha tmixxi hi, chemm il darba tinkala. Iż-żŭieġ fih in-nifsu hu ġa catina; jecc magħha iddendel il mażżra ta't-tirannija ta'r-ragel ijsir kalil ŭisk u ma jcunx ta' min jintriga minnu.

Aħrab ucoll m'ir-ragel li jibża minn dellu, li ma għandux rieda kaŭŭija. Int bħala ħaġa debboli għandec bżonn li bħal dielja tixxabbat ma' zocc ta' balluta u m'hux ma kasba jeŭ simara li tmil taħt cull żiffa ta' riħ. Ragel gifa ma tista tħobbu katt għaliex :— « *nulla è per le donne più spregevole nell'uomo che la debolezza* » (MANTEGAZZA). Ma hemmx mibegħda acbar f'mara milli meta tara ragel li ma għandux il ħila jakbeż għaliha meta imżebilħa, għal gieħu meta imcasbar, għal uliedu meta imsaŭŭtin u maħkura, għal ħobżu meta jigi min ijrid jaħtafulu. Ħienja hi dic il mara li bħala żeŭġha u missier uliedha jcollha ragel b'saħħtu biex jiddefendiha u biex jakbeż għal uliedu, ta' fehma kaŭŭija u ta' ħila li jitla bla ma jisfar fl-isbarra u imkar it-taraġ ta'l forca biex ijsostni il ħakk tiegħu u ta'l familja tiegħu. Meta ir-ragel ijcun biss ragel għaliex fuk xuftejh għandu il mustaċċi, aħjar stanga ta' ŭara il bieb minnu għaliex tħarsec aħjar. Ja xbejbiet jecc ir-ragel ma jcollux drieghu, moħħu u kalbu mimlija b'il ħila u b'is-setgħa ma għandcomx xi triduħ. « *Non sposare mai un uomo debole : quasi quasi ti direi : sposa piuttosto un uomo tiranno.* » (M.)

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

(*Jissoctaŭ.*)

# Il Mistoksija oħt il Għerf.

**Lil P. S.** (Il Belt).

IL FLUS MA HUMIEX B'IŻ-ŻEJJED BIEX JAGĦMLU BNIEDEM HIENI; u għalhecc lankas is-slaten u il prinċpijiet ma jsibu dana il hena b'il palazzi u il ħafna ġid li jcollhom. Il cbir poeta ingliż Shakespare kal, u b'ir-raġun collu, illi *heavier lies the head that wears a crown*, u dana naraħ ucoll m'il ħafna slaten u rjus cbar li telku il palazzi u il gid tagħhom collu biex marru jindifnu f'cella ta' cunvent biex ijsibu ftit hena. L-Istorja tfaccarna fl-Imperatur Carlu Hamsa li chien gieb taħt il bacna tiegħu l-Eŭropa collha; telak il curuna lil ibnu u mar katta l-aħħar snin ta' ħajjtu patri. Patri ucoll sar u kaddis, S. Frangisc Borgia, il gesŭita spanjol, li kabel chien cortigian ta'r-Regina tant ħażina Isabella ta' Spanja. Meta raha mejjta f'it-tebut fehem il fruħa ta'd-dinja u kabad triek oħra. Oħrajn bħal daŭn biex ma intaŭŭalx ŭisk sejjer inhallihom, iżda irrid insemmi xi ftit m'il cbarat li fi żmienna ħalleŭ il gid ta'd-dinja biex fittxeŭ il veru hena f'cella ta' cunvent. Fost daŭn insemmu il **Princep Federicu Enricu ta'l Prussja**, cugin ta'l Imperatur ta'l Germanja, li ta gidu collu lill Cnisja u daħal patri f'cunvent fl-Italja; il **Gran Duca Costantinovich**, cugin ta'l Cżar ta'r-Russja, ftit xhur ilu, telak il gid cbir li chellu biex daħal patri fejn jorkod fuk sodda ta't-tavli bla mitraħ xejn, u taħt rasu jkiegħed f'loc imħadda biċċa għuda u ma jiibesx ħlief ċokka ta's-suf oħxon fuk il-laħam; il **Princep** tedesc **Lowenstejn-Wertheim Rochefort** daħal patri dumnican taht l-isem ta' Patri Rajmondu f'il cunvent ta' Chalk Farm fl-Inghilterra, ftit snin ilu. Il gid li ħalla ŭarajh biex sar patri chien cbir ŭisk. Oħtu, **Adelajde, Duchessa ta' Braganza**, daħlet soru f'Cunvent ta'l Benedettini fi Franza, xi tnax il sena ilu; it-tifla ta'l Patri Rajmond li semmejna tinsab ucoll soru f'il Cunvent ta'l Benedittini ta' Ryde, fl-Inghilterra. Fl-istess Cunvent, sentejn ilu, daħlet soru il **Principessa Adelajde ta' Parma**; u fl-1809, il **Gran Duchessa Elisabetta ta'r-Russja**, daħlet soru f'cunvent f'Mosca. Dina tigi oħt il Cżarina li hemm u hi l-armla ta'l Gran Duca Serġju li chien gie assassinat f'Mosca. F'il cunvent fejn daħlet ma hemmx ħlief sorijiet ta'l ogħla aristocrazija russa u ir-regoli huma ħorox ŭisk. Ma'l ġurnata jitolbu dejjem u ma tulec ja lejl ijkumu erba darbiet biex ijcantaŭ. Daŭna minn dic inhar li jidħlu sa'l meŭt ma jaraŭ katt iżjed barra u ma jistgħu jitchellmu ma' ħadd ħlief bejniethom. Il Gran Duchissa għandha iċ-cella tagħha daks ta'l oħrajn u tilbes u takdi id-dmir tagħha seŭŭa seŭŭ b'has-sorijiet l-oħrajn. F'Ottubru li għaddha Lady Maud Barrett, bint l-Earl of Cavon, daħlet f'cunvent ta's-sorijiet insara bħalna u li fih il claŭsura, u barra minn dina issib sorijiet ħafna xebbiet ta'l aristocrazija ingliża.

Dana jurina b'iċ-car li il hena f'dina id-dinja ma għandniex infittxuh f'il flus u f'is-setgħa għaliex ma jinsabx lankas hemm.

**Lil C. F.** (Furjana).

IVA, HAŬN VJOLIN LI JKUM GHAXAR T'ELEF LIRA STERLINA. Dana jismu l-EMPEROR STRADIVARIUS u li hu ta'l famus musicista ingliż Mr: George Haddock, u li barra minnu għandu ġabra ta' ħafna vjolini famusi. Il cbir vjolinista Joachim meta rah u dakku kal li hu l-aħjar vjolin li katt għadda minn idejh u ipprezzah għaxar t'elef lira sterlina. Għandu mitejn sena iżda jidher donnu ġdid bħal meta ħareġ minn taht idejn l-imfaħħar Antonio Stradivari ta'l belt Cremona (fl-Italja) li chien jagħmel vjolini «Stradivarius» u li collha jkumu minn 500 sa 1,500 lira il ŭieħed. Paganini ħalla il vjolin tiegħu lill Belt ta' Genova u dan l-aħħar ŭieħed għani talabhom biex ijbiegħuhulu u tahom għaxar t'elef lira fih iżda daŭc ma riedux billi kiegħed għandhom bħala tifchira għażiża ta' dana il famus vjolinista li chien ijgħaġġeb id-dinja b'id-dakk tiegħu. Lil Joachim ftit kabel miet chienu għamlulu festa sabiħa f'il ġubleŭ tiegħu u irrigalaŭh Stradivarius li kam elf u mitejn lira sterlina; u lil Lady Hallè, id-Duca ta' Edinburgu, l-Earl of Dudley u Lord Hardwicke chienu irregalaŭha vjolin li chien jisŭa elf lira. Il famus vjolinista Sarasate meta miet barra milli ħalla lill Conservatorji ta'l Musica ta' Parigi u ta' Madrid erba t-elef lira cull ŭieħed biex ijsiru premji b'ismu, ħallielhom ucoll «Stradivarius» cull ŭieħed li jisŭeŭ elfejn lira cull ŭieħed. Ŭieħed minn daŭna il vjolini insab b'mod curjus ħafna. Darba ŭieħed vjaġġatur sab ruħu f'Ginevra u mar għand ħaddied biex ijniegħillu iż-żiemel u billi ma chellux biex ijħallsu taħ il vjolin li chellu billi ma chienx jaf x'jisŭa. Ŭara li dana il vjolin dam xi sentejn imdendel f'id-duħħan għaliex il ħaddied ma chienx jaf ijdokku xtrah M. Boissier bi ftit xelini u meta naddfu sab li chien Stradivarius m'it-tajjbin. Lil vjolinista famus Eŭgene Ysaye, xi tliet snin ilu, serkulu m'is-sala tiegħu f'S- Pietruburgu Stradivarius li chien jisŭa tliet t-elef lira. Dana f'il bidu chien xtraħ *waiter* ta' restorant minn għand vjaġġatur b'lira u ħmistax il xelin. F'Londra żeŭġ Stradivarius giebu erba t-elef lira cull ŭieħed u ieħor ma ilhux, fi rcant gieb elf u erba mija. Dana jismu *Betts' Strad.* Dana hu imsejjah hecc għaliex chien xtrah certu Betts b'ghinea (ŭieħed u għoxrin xelin) minn għand ŭieħed li ma chienx jaf x'jisŭa. Xi ħames snin ilu f'Notting Hill u Marylebone, distretti ta' Londra, chien ijdur f'it-torok ijdokk il vjolin ŭieħed fkajjar. Darba għaddha ŭieħed li jifhem u ta'l vjolin li chellu taħ seba mitt lira; u ftit ilu xtraŭ b'elf u sitt mitt lira vjolin minn għand ŭieħed ħaddiem li chien xtrah f'ircant b'sitt xelini. Negozju sabiħ! Xortic xi dakkiet tcun moħbija fejn lankas toħlom biha.

★

## STORJA TA'L PAPIET.

XXXIX.

## S. DAMASU 1.

**Saltan għal tmintax il sena, xahrejn u għaxar t-ijiem. Laħak f'is-sena 366 u miet f'is-sena 384.**

Bin Atanju, u tŭieled jeŭ fi Spanja jeŭ f'il Purtugall. Hemm min kal li chien ruman. Xi eretici kamu contra tiegħu u ħatru l-Antipapa Ursinu iżda il poplu xegħel u f'il cnisja stess iċċarċar id-demm u bakgħu mejjtin mija u sebgħa u tlietin. Fi żmienu għixu St: Ambroġ, Arciskof ta' Milan u San Ġlormu li sejjah ħdejh f'Ruma biex jatih id-daŭl u biex b'għerfu jakbeż għa't-tŭemmin nisrani. Żamm żeŭġ Concilji ŭieħed f'Ruma biex saħħah dac li chien intkal f'il Concilju ta' Nicea igifieri li Cristu hu Alla, u ieħor f'Costantinopoli biex saħħah li l-Ispirtu Santu hu ucoll Alla. Dana gigħel lil S. Ġlormu li jkabbel it-traduzzjoni ta'l Iscrittura ma'l cotba lhudin u grieghi biex ijsaffiha minn xi sbalji li ħadu daŭc li kalbuha b'il latin u mar fl-eżilju ma' S. Liberju. Meta miet chien laħħak it-tmienin sena.

**SCOLA TA'T-TIFSIL.**

Fi Strada Reale, numru 32, f'Birchircara, infetħet Scola ġdida ta't-tifsil għa'r-rġiel u għa'n-nisa, collox fuk l-arti ta'l geometrija. Min ijrid jitgħallem ijmur għand il PROF: VINCENZO GRECH li gie ippremjat minn Accademji ta' Londra Parigi u Torino billi jaf ijfassal ħafna. Il ħinijiet huma m'it-8 ta' f'il għodu sa't-8 ta' f'il għaxija. Jbiegħ ucoll mudelli għal l-ilbiesi ta' rgiel u ta' nisa bi prezzijiet irħas.



Min hu marid bl-ANEMIJA (nakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

## GHA'N = NERVUSI!

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd joboghdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħafna gid hi

## L=ANTINEVROTICU

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Għodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Żebgħa, &cc.**




**INJAM**

**ta'l aħmar, ta'l abjad, u ta'l caŭba.**

**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

BRITANNIA

### FLUS! FLUS! FLUS!

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand **is-Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar, fejn ijcun jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

### SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijħittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

# Tridu tfieku f'kasir zmien u b'nefka zgħira m'id=

# DIABETE?

## Biex ma jibdielcomx uzau m'il actar fis il

# FERMENTIN

## li hu imfaħħar ħafna, chif ħakku, m'il aħjar tobba.

Jinbigħ il Belt fl-Ispizzerijiji:— ta's-Sur A. Cumbo, Strada Rjali, 26; ta's-Sur Fabriz Borg, Sda Rjali, Nru. 267; ta's-Sur Fred Gera, Sda S. Giovanni, Nru. 4; ta's-Sur Stilon, Sda Rjali, Nru. 245; u f'St: Paul's Pharmacy, Sda S. Paolo, Nru. 277. Bormla għand l-Ispizzjar G. Farrugia, Sda S. Paolo u Ħal Kormi għand l-Ispizzjari Nicola Spiteri u G'anni Gatt.

**Morru għand l-Agent Morina ta' Strada Rjali ta'l Belt biex jaticom ctieb B'XEJN b'ic-certificati.**

Fl-Excelsior Bar ta' **Riccardu Spiteri**, ta' Strada Vittoria, Nru. 37, l-Isla, issibu cull xorta ta' spirti, ta' imbejjet u ta' birra collox m'il aħjar qŭalità. Għandu camrà privata għal familji ucoll.

Min ijrid jixtri LINCA TA'L ISTAMPA seŭda għal cotba jeŭ għal ġurnali, ta'l famusa **Fabbrica Lorilleaux**, bi rħis, jicteb Strada San Vincenzo No. 12, Ta's-Sliema.

---

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegħ-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u faj-jenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

---

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA




# C. CAMILLERI & SONS

## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL. BY FORMOSA.

---

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stam-pa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**